# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 26 ta' Ottubru 2021**

**Talba numru 187/2020SFJ**

***ELMO INSURANCE LIMITED (C3500)***
***VS.***
***JOSEPH GRECH (165667M) U DANIEL BUTTIGIEG (93782M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-24 ta' Awwissu 2020 li permezz tiegħu ġie premess u mitlub:

"*1. Illi s-soċjetà Elmo Insurance Limited żborsat a favur tar-rikorrenti fil-kawża fl-ismijiet 'Fogg Insurance Agencies Limited et vs. Daniel Buttigieg' [Arbitraġġ Mandatorju numru M3848/2013] deċiża miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ fit-3 ta' Ġunju 2015 is-somma komplessiva ta' elf u tlett mija u tnejn u għoxrin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€1,322.72) in linea ta' danni, imgħax, spejjeż legali u ġudizzjarji u VAT kif kienet kostretta u obbligata tagħmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta fil-vesti tagħha ta' assikuratur konċernat tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FAD849, f'liema proċeduri l-istess intimat Daniel Buttigieg baqa' ma ppreżentax risposta u lanqas ta x-xhieda tiegħu jew ressaq provi oħra.*

*2. Illi fil-fatt ġara li fit-18 ta' Mejju 2012, l-imsemmija vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FAD849, proprjetà tal-intimat Joseph Grech, misjuqa mill-intimat Daniel Buttigieg u assikurata mis-soċjetà mittenti Elmo Insurance Limited, sfat involuta f'inċident awtomobilistiku fi Triq Ċensu Bugeja, il-Ħamrun, ma' vettura appartenenti lil terzi.*

*3. Ġara iżda li l-intimati baqgħu ma rreġistrawx claim wara dan l-inċident skont il-polza tal-assikurazzjoni de quo. Ċiò nonostante, is-soċjetà mittenti Elmo Insurance Limited ma setgħetx tħallas lit-terz una volta kienu sodisfatti d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, kif fil-fatt għamlet.*

*4. Permezz ta' ittra uffiċjali tagħha ppreżentata fl-4 ta' April 2013, is-soċjetà mittenti Elmo Insurance Limited, inter alia, wissiet lill-intimati bil-konsegwenzi kollha li kienu se jġarrbu fil-konfront tagħha fil-każ li l-proċeduri istitwiti kontra l-intimat Daniel Buttigieg jiġu deċiżi kontrih, una volta kienu sodisfatti fil-konfront tal-insemmija soċjetà Elmo Insurance Limited id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*5. Di più, sussegwenti għall-fuq imsemmi ħlas, is-soċjetà mittenti ppreżentat ittra uffiċjali fit-28 ta' Marzu 2017 a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kodiċi Ċivili kontra l-intimati fejn, min-naħa tiegħu, l-intimat Joseph Grech, permezz ta' nota fl-atti tal-istess ittra uffiċjali, ikkontesta l-pretensjonijiet rikorrenti.*

*6. Għaldaqstant kellhom jiġu istitwiti l-proċeduri odjerni.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' April 2013, l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Marzu 2017 skont l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-imgħax legali b'effett mit-28 ta' Marzu 2017 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati, solidalment bejniethom, li huma inġunti għas-subizzjoni.*"

Ra r-riferti relattivi jindikaw li l-konvenut Joseph Grech ġie nnotifikat fl-1 ta' Ottubru 2020 filwaqt li l-konvenut Daniel Buttigieg ġie nnotifikat fit-2 ta' Ottubru 2020.

Ra r-Risposta tal-konvenut Joseph Grech,ippreżentata fit-2 ta' Ottubru 2020 li permezz tagħha ġie eċċepit:

"*Illi l-eċċipjenti Joseph Grech mhuwiex il-leġittimu kontradittur stante li huwa kien ittrasferixxa l-vettura inkwistjoni lill-konvenut l-ieħor Daniel Buttigieg xi żmien qabel seħħ l-inċident.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi u l-intimat Daniel Buttigieg.*"

Ra r-Risposta tal-konvenut Daniel Buttigieg, ippreżentata fid-19 ta' Ottubru 2020 li permezz tagħha ġie eċċepit:

"*1. Illi preliminarjament, l-azzjoni fil-konfront tal-esponent Daniel Buttigieg hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, kwalsiasi nuqqas li seta' kien hemm wara l-inċident inkwistjoni huwa attribwibbli għall-inadempjenza tal-konvenut Joseph Grech u mhux tal-esponent;*

*3. Illi di più, jekk is-soċjetà rikorrenti ħasset li setgħet tiġi ppreġudikata fil-proċeduri tal-arbitraġġ fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited et vs. Daniel Buttigieg (Arb. Mand. M3848/2013), l-istess soċjetà kellha kull fakultà tintervjeni in statu et terminis f'dawk il-proċeduri, liema proċeduri ġew konklużi fit-3 ta' Ġunju 2015, u ċioe ferm wara l-ittra uffiċjali tas-soċjetà rikorrenti mibgħuta liż-żewġ konvenuti fl-4 ta' April 2013;*

*4. Illi fi kwalunkwe każ, l-esponent mhuwiex responsabbli għall-inċident li seħħ nhar it-18 ta' Mejju 2012;*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*"

Sema' ix-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' Ottubru 2021.

**Provi mressqa**

Permezz ta' nota ppreżentata fit-2 ta' Novembru 2020, is-soċjetà attriċi ppreżentat il-polza tal-assigurazzjoni li skontha kienet *in vigore* fid-data tal-inċident relattiv, jiġifieri fit-18 ta' Mejju 2012. Is-soċjetà attriċi għamlet enfasi għall-paġni numri 16 u 17 tal-polza, intestati "*Conditions*", partikolarment il-paragrafu 4(a).

Permezz ta' nota ppreżentata fit-18 ta' Novembru 2020, is-soċjetà attriċi ppreżentat vera kopja tal-ittra uffiċjali numru 1058/2013 (ippreżentata fl-4 ta' April 2013) u t-taxxa tagħha, flimkien ma' vera kopja tal-ittra uffiċjali numru 742/2017 (ippreżentata fit-28 ta' Marzu 2017) u t-taxxa tagħha u n-nota ta' oppożizzjoni ta' Joseph Grech (ippreżentata fis-6 ta' April 2017).

Fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2020 xehdet Dr Fiona Galea Farrugia, Reġistratur taċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ. Hija ppreżentat kopja tal-lodo arbitrali fir-rigward tal-Arbitraġġ numru M3848/2013 fl-ismijiet ***Fogg Insurance Agencies Limited nomine (u b'digriet tal-31 ta' Ottubru 2014 dan l-isem ġie sostitwit b'Argus Insurance Agencies Limited) et vs. Daniel Buttigieg***, liema lodo ngħata fit-3 ta' Ġunju 2015. Dr Galea Farrugia ppreżentat anki t-taxxa relattivament għall-istess arbitraġġ.

F'*e-mail* mibgħuta minn Dr Galea Farrugia lil Dr Alessia Zammit McKeon fit-30 ta' Novembru 2020, ingħad minn Dr Galea Farrugia li ċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ ma ġie nnotifikat b'ebda appell fir-rigward tal-lodo hawn fuq imsemmi.

Fl-istess udjenza xehed George Stagno Navarra. Dan qal li l-vettura FAD849 kienet assigurata mis-soċjetà attriċi bejn l-1 ta' Lulju 2011 u t-30 ta' Ġunju 2012 u esebixxa *insurance schedule* (dokument GSN1). Qal li s-soċjetà attriċi saret taf bl-inċident li fih kienet involuta l-vettura FAD849 minn ittra uffiċjali tat-12 ta' Frar 2013, liema ittra uffiċjali kienet iffirmata minn Dr Ramona Frendo.[1] Ix-xhud qal li "*dana*" ma

[1] F'dan l-istadju, it-Tribunal josserva li l-ittra li għaliha jirreferi George Stagno Navarra tinsab a fol. 52 tal-proċess. F'dik l-ittra uffiċjali, l-intimati huma Elmo Insurance Limited u Daniel Buttigieg filwaqt li l-mittenti huma deskritti hekk: *"…Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance*

ġiex jirrapporta l-claim lis-soċjetà attriċi.[2] Wara li rċeviet l-ittra uffiċjali relattiva, is-soċjetà attriċi kkuntattjat lill-klijent iżda dan qatt ma mar jagħmel *claim*. F'dan il-punt, George Stagno Navarra qal li dan kien skont dak li kienu qalulu l-kollegi tiegħu fl-uffiċċju. Sussegwentement, is-soċjetà attriċi ppreżentat l-ittra uffiċjali tal-4 ta' April 2013. Imbagħad infetaħ arbitraġġ minn Argus Insurance kontra Daniel Buttigieg u Elmo Insurance ġiet mitluba tħallas lil Argus Insurance l-ammont ta' elf u tlett mija u tnejn u għoxrin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€1,322.72).

It-Tribunal hawn osserva li l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Frar 2013 ffirmata minn Dr Ramona Frendo (fol. 52) tirreferi għal inċident stradali li fih kienet involuta l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni TAD849 u mhux FAD849 (fejn din tal-aħħar hija l-vettura li dwarha qed titkellem is-soċjetà attriċi u dwarha xehed George Stagno Navarra).

George Stagno Navarra spjega li skont il-polza tal-assigurazzjoni diġà esebita, l-assigurat kellu obbligu li jinforma lill-assiguratur minnufih wara li jseħħ xi inċident awtomobilistiku. Huwa qal li madankollu, la Joseph Grech u lanqas Daniel Buttigieg ma rreġistraw xi *claim*.

Fl-udjenza tat-20 ta' Jannar 2021, Dr Victor Bugeja ppreżenta affidavit ta' Joseph Grech (fol. 60) u affidavit ta' Vincent Grech (fol. 61).

Fl-affidavit tiegħu, Joseph Grech qal li hu kien is-sid tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FAD849. Għalkemm il-vettura kienet irreġistrata f'ismu, kienet tappartjeni anki lil ħuh, Vincent Grech. Darba fost l-oħrajn, Daniel Buttigieg sab lil Vincent Grech u talab li jixtri l-vettura. Wara li l-aħwa Grech qablu, il-vettura nbiegħet lil Buttigieg. Dakinhar li Joseph Grech iffirma l-*log book*, il-vettura kienet assigurata ma' Elmo Insurance Limited. Grech qal li hu qatt m'għamel xejn biex jirtira l-assigurazzjoni tal-vettura. Qal li min-naħa tiegħu, ix-xerrej Daniel Buttigieg kien qallu li t-trasferiment tal-vettura kien sar. Joseph Grech kompla jgħid li maż-żmien, sar jaf li Buttigieg qatt ma kien għamel it-trasferiment u kien eventwalment ħaddieħor li wara xahrejn talab lil Grech jittrasferixxilu l-vettura. Grech ma kienx jaf l-isem tat-terz iżda qal li dan it-terz qallu li kien ħa l-vettura mingħand Buttigieg bħala kumpens għal xi ħaġa li Buttigieg kellu jagħtih. Dan it-terz qal li kien minn Ħal Qormi. Grech qal ukoll li sar jaf li xi żmien wara li l-vettura ġiet mibjugħa lil Buttigieg, dan kien ħabat biha.

Fl-affidavit tiegħu, Vincent Grech ikkonferma dak li qal ħuh u żied jgħid li Buttigieg kien qallu li kien mgħaġġel biex jieħu l-vettura f'idejh għax ried iġorr xi affarijiet. Qal li Buttigieg kien qallu li kien ser jaqleb u jirreġistra l-assigurazzjoni u l-liċenzja f'ismu. Meta Vincent Grech induna li Buttigieg qatt ma qaleb il-vettura għal fuq ismu, hu u ħuh (jiġifieri l-aħwa Grech) marru f'fergħa tas-soċjetà attriċi sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa. Dakinhar kienu anki skoprew li sakemm il-vettura kienet għand Buttigieg, kienet qalgħet ċitazzjoni, liema ċitazzjoni kellha tabilfors titħallas mill-aħwa Grech, inkella t-trasferiment ma setax isir. Dakinhar tat-trasferiment kellu anki jsir *log book* ġdid għaliex il-*log book* oriġinali kien iffirmat min Daniel Buttigieg, li baqa' qatt ma dawwar xejn f'ismu. Vincent Grech żied jgħid li għalkemm hu u ħuh riedu jbigħu il-vettura lil Buttigieg għal ħames mitt Ewro (€500.00), Buttigieg ħallashom biss tlett mija u ħamsin Ewro (€350.00).

Fl-udjenza tat-18 ta' Ġunju 2021 sar il-kontro-eżami ta' Joseph Grech. Huwa kkonferma li huwa kien is-sid tal-vettura FAD849. Qal li qatt ma ra lil Daniel Buttigieg. Mistoqsi jekk għamilx xi riċerka dwar x'kellu

---

*Company (Europe) Limited u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Maria Degiorgio, abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Liġi, u l-istess Maria Degiorgio [740754M]…"*

[2] Ara d-depożizzjoni a fol. 43.

jagħmel sid ta' vettura biex tinbidel ir-reġistrazzjoni, Grech qal li hu u ħuh żbaljaw meta qagħdu fuq il-kelma ta' Buttigieg. Mistoqsi jekk iċċekkjax sarx it-trasferiment, Grech qal li hu ma ċċekkjax mal-assigurazzjoni iżda staqsa lil Buttigieg u dan aċċertah li t-trasferiment kien sar. Qal li huwa sar jaf li Buttigieg baqa' qatt m'għamel trasferiment meta kien ġie persuna fil-garaxx tiegħu u talbu jittrasferixxilu l-vettura. Grech reġa' ikkonferma li hu qatt ma ra jew kellem lil Daniel Buttigieg.

Fl-udjenza tat-22 ta' Settembru 2021 sar il-kontro-eżami ta' Vincent Grech. Qal li meta sar il-ftehim għall-bejgħ tal-vettura, hu u ħuh ma ħadux id-dettalji ta' Buttigieg. Mistoqsi għaliex it-trasferiment ma sarx min-naħa ta' Grech, dan wieġeb li hu u ħuh iffirmaw il-*log book* u dan kellu jmur jagħmel it-trasferiment huwa stess. Qal li nduna li t-trasferiment ma seħħx meta terza persuna avviċinat lil ħuh biex isir it-trasferiment. Qal li għall-ewwel, Joseph Grech qal lit-terz li t-trasferiment kien diġà sar lil Buttigieg, iżda t-terz ċaħad dan. Qal li l-aħħar kuntatt li kellu ma' Daniel Buttigieg kien madwar tlett ġimgħat wara l-bejgħ, meta marru l-fergħa ta' HSBC Bank Malta plc fir-Raħal Ġdid sabiex isir il-ħlas. Grech qal li wara li nduna li t-trasferiment ma sarx, lanqas ipprova jkellem lil Buttigieg. Qal ukoll li huwa ħalla f'idejn Buttigieg u ma ċċekkja xejn.

**<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

*<u>L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Daniel Buttigieg</u>*

Huwa ċar mill-verbali li għalkemm f'xi seduti dehru l-avukati ta' Daniel Buttigieg, il-konvenut qatt ma deher personalment. Inoltre, Buttigieg la xehed u lanqas ressaq persuni sabiex jixhdu jew ressaq provi oħrajn. Lanqas biss saru kontro-eżamijiet tax-xhieda mressqa mis-soċjetà attriċi u tax-xhieda mressqa mill-konvenut Joseph Grech.

It-Tribunal jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ***<u>Luciano Martinelli nomine vs. Saviour Pisani</u>*** (22 ta' Ġunju 2005) u l-każistika hemm ikkwotata:

"*Invece, skont orjentament iehor "min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju skond liema terminu preskrittiv ikun applikabbli. Ikun imbaghad jispetta lill-attur-kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jaghzel it-triq u l-mezzi li taghtih il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni" – "Josianne Sciberras -vsGiovanni Vella et", Appell, 21 ta' Frar 1996; "Jeremy Holland -vs- Joseph Chetcuti", Appell, 25 ta' Frar 2000;*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti jidher li dan l-ahhar insenjament jaghmel aktar sens guridiku. L-Artikolu 2107(2), Kodici Civili, jipprovdi li "l-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi";*

*Innegabbilment, l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f'sens inekwivoku, tal-volontà tal-parti li ggib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop tal-komputa tal-perjodu preskrizzjonali*"

It-Tribunal ra s-sentenza tal-Prim' Awla fl-ismijiet ***<u>Stencil Pave (Malta) Limited vs. Dr Maria Deguara et nomine</u>*** (30 ta' Ottubru 2003) fejn intqal:

"*Illi hija regola ewlenija fil-proċedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mħarrka billi tmieri li għadda ż-żmien jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mħarrka li trid tipprova li l-parti attriċi għaddhielha ż-żmien utli biex tressaq il-kawża, u dan minn żmien minn meta dik il-kawża setgħet titressaq.*"

Insenjament essenzjalment identiku jinsab fis-sentenzi tal-Prim' Awla fl-ismijiet ***Montebello vs. Montebello et*** (25 ta' Settembru 2003) u ***Victor Portelli vs. Mark Psaila*** (29 ta' Mejju 2003).

Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal jikkonkludi li billi l-konvenut ma ressaqx provi sabiex isostni l-eċċezzjoni tiegħu, dik l-eċċezzjoni ma tistax tkun milqugħa.

Għaldaqstant, it-Tribunal jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Daniel Buttigieg.

*Il-mertu*

It-Tribunal jibda billi jinnota li ħadd mill-partijiet ma ħarrek lil rappreżentant tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta sabiex ikun aċċertat mija fil-mija min kien is-sid irreġistrat tal-vettura FAD849 f'liema perjodu ta' żmien. Fin-nuqqas ta' dan, it-Tribunal huwa kostrett li joqgħod fuq ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi (liema rappreżentant qal ċar li kien qiegħed jistrieħ fuq dak li ntqal lilu mill-kollegi tiegħu fi ħdan is-soċjetà attriċi) u fuq dak li xehdu l-konvenut Joseph Grech u ħuh Vincent Grech.

*In breve*, il-każ huwa dwar il-vettura FAD849 li nbiegħet mill-aħwa Grech jew min minnhom lil Daniel Buttigieg iżda f'għajnejn l-awtoritajiet kompetenti, it-trasferiment tal-vettura għal fuq isem Buttigieg baqa' qatt ma sar. Konsegwentement, din baqgħet tidher li kienet proprjetà ta' Joseph Grech. Ġara li meta seħħ inċident fit-18 ta' Mejju 2012 fil-Ħamrun, il-vettura FAD849 kienet misjuqa minn Daniel Buttigieg iżda kienet għadha tidher li kienet proprjetà ta' Joseph Grech.

Fil-proċeduri tal-arbitraġġ (ara l-vera kopja tal-lodo a fol. 45 sa 48), Daniel Buttigieg kien misjub responsabbli għall-inċident u kkundannat iħallas lil Argus Insurance Agencies Limited u lill-parti li sofriet id-danni, jiġifieri Maria Degiorgio. Billi l-vettura FAD849 kienet assigurata mas-soċjetà Elmo Insurance Limited fiż-żmien li seħħ l-inċident (kif debitament ippruvat tramite x-xhieda inkontradetta ta' George Stagno Navarra a fol. 42), kienet Elmo Insurance Limited li kellha tħallas l-ammonti relattivi. Għalhekk, kif ġie korrettement rilevat fit-trattazzjoni relattiva, din hija azzjoni ta' rivalsa.

It-Tribunal jenfasizza li l-iskop ta' din l-azzjoni mhuwiex li wieħed jerġa' jeżamina l-mertu diġà deċiż tramite l-lodo mogħti mill-Arbitru fl-arbitraġġ M3848/2013 (deċiż fit-3 ta' Ġunju 2015). Għalhekk, kwalsiasi eċċezzjoni li tħajjar għal dan għandha tiġi respinta.

Inoltre, it-Tribunal jirrileva li l-provi mressqin mis-soċjetà attriċi ma ġew ikkontestati b'ebda mod.

M'hemmx dubju li ġaladarba f'dak l-arbitraġġ kien Daniel Buttigieg li kien unikament misjub responsabbli għall-inċident awtomobilistiku relattiv, għandu jkun hu li jagħmel tajjeb għall-flejjes li kellha toħroġ is-soċjetà Elmo Insurance Limited, u dan minkejja li l-vettura kienet għadha tidher irreġistrata f'isem Joseph Grech.

Għalkemm it-Tribunal ma jsibx diffikultà jgħid li Joseph Grech messu qagħad aktar attent u messu kien ferm inqas fiduċjuż fis-sens li messu personalment mar għand l-Awtorità għat-Trasport f'Malta sabiex jara

li t-trasferiment isir, dan ma jfissirx li għandu jkun ikkundannat iħallas l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi meta huwa ben ċar li hu ma jaħti xejn.

Min-naħa l-oħra, għalkemm Grech m'għandux ikun ikkundannat iħallas, ma jfissirx li mhuwiex il-leġittimu kontradittur. Billi l-vettura kienet għadha irreġistrata f'ismu, bla dubju li f'għajnejn is-soċjetà attriċi kien hemm rapport ġuridiku bejnu u bejn l-istess soċjetà attriċi. Għalhekk, l-eċċezzjoni relattiva ta' Grech ma tistax tkun milqugħa.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi għar-raġunijiet suesposti:

i. Jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Daniel Buttigieg u b'hekk jiddikjara l-azzjoni mhux preskritta;

ii. Jiċħad l-unika eċċezzjoni tal-konvenuta Joseph Grech u b'hekk jiddikjara li Grech huwa fil-fatt leġittimu kontradittur;

iii. Jiddikjara li Joseph Grech mhuwiex responsabbli sabiex jagħmel tajjeb għall-flejjes żborsati minn Elmo Insurance Limited relattivament għall-lodo fuq imsemmi u l-konsegwenzi kollha tiegħu; u

iv. Jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi inkwantu diretti kontra Daniel Buttigieg u konsegwentement jikkundannah iħallas lil Elmo Insurance Limited is-somma komplessiva ta' elf u tlett mija u tnejn u għoxrin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€1,322.72) kif ukoll jikkundannah iħallas l-ispejjeż tal-ittri uffiċjali msemmijin fl-Avviż tat-Talba u anki l-imgħax, li għandu jiġi kkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, liema mgħax għandu jiddekorri mit-28 ta' Marzu 2017.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament minn Daniel Buttigieg.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**